

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8052 — SEGRO/PSPiB/SELP/Torino DC1)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2016/C 188/05)

1. Fid-19 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha SEGRO plc ("SEGRO", ir-Renju Unit) u l-Public Sector Pension Investment Board ("PSPiB", il-Kanada) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, permezz tal-impriża konġunta li għandhom, ikkontrollata b'mod konġunt minnhom, SEGRO European Logistics Partnership S.à.r.l. ("SELP"), il-kontroll konġunt ta' assi waħda loġistika li tipproduċi introjtu fil-futur fl-Italja (it-"Target Asset"), pereż. l-assi ta loġistika Torino DC1 li tinsab fi Brandizzo fl-Italja, permezz tax-xiri ta' assi.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal SEGRO: is-sjeda, il-ġestjoni u l-iżvilupp ta' proprjetajiet ta' ħażna, industrijali ħfief u ċentri tad-dejta;
 - għal PSPiB: il-ġestjoni tal-istokkijiet, bonds u titoli oħra bi dħul fiss kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjeta immobbli, infrastruttura u riżorsi naturali.
 - għal Torino DC 1: ċentru ta' ħażna u distribuzzjoni sabiex jinkera lil Decathlon Italia.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'din in-Notifika.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks +32 22964301) jew bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.8052 — SEGRO/PSPiB/SELP/Torino DC1 f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.